# JEKK MHUX ISSA, META? JEKK MHUX INT, MIN? JEKK MHUX HAWN, FEJN?



"Jekk mhux issa, meta? Jekk mhux int, min? Jekk mhux hawn, fejn?". Din il-frażi, ispirata minn kelmiet ta' wieħed Rabbi Hillel, tfakkarna fuq l-importanza tal-mument u ċ-ċirkustanzi preżenti; dan jista' jkun mument ta' grazzja, u jiena l-protagonista tiegħu. Hi sejħa kbira għalina li nagħmlu dak li għandna nagħmlu, u li nagħmluh f'waqtu; it-tnejn li huma flimkien. Għax spiss jista' jiġri li ma nagħmilx dak li għandi nagħmel, jekk mhux nagħmel bil-kontra; u jista' jiġri wkoll li nagħmel dak li għandi nagħmel, imma mhux f'ħinu. Fil-fatt, jekk inħarsu lura f'ħajjitna aktarx nilmħu ruxxmata ta' kliem, ġesti u deċiżjonijiet tajba, li għax saru f'ħin żbaljat, saru għalxejn, jekk mhux kienu ta' ħsara għalina u għall-oħrajn. Aħna stess ġieli għidna: "Issa qalli?!", jew: "Li kieku għamilt dak li kelli nagħmel dakinhar...". Għalhekk, aħna u nħarsu lejn ħajjitna bħala Nsara u lejn il-missjoni tagħna, mistoqsija kbira hi: "Qed nagħmel dak li għandi nagħmel, issa?".

Il-kliem ta' Salm 90:12 jista' jkun ta' għajnuna: "Għalhekk għallimna ngħoddu jiem ħajjitna, sabiex aħna nimxu bil-għaqal". Ħafna drabi hu l-għarfien taż-żmien li jaħrab, jew li qed jispiċċa, li jgħinna ngħixu bil-għaqal. Għax b'xorti ħażina, ġieli jkun il-mument tal-mard jew tal-mewt li jgħinna nagħrfu kif ngħixu. Li kieku llum hija l-aħħar ġurnata ta' ħajti, l-għażliet u l-azzjonijiet tiegħi aktarx ikunu ħafna differenti... aktarx ċertu kliem ngħidu u ieħor le; aktarx xi prijoritajiet jinbidlu; aktarx nirrabja anqas, jew fuq affarijiet oħrajn; aktarx nagħti tgħanniqa jew ħarsa totalment differenti. Il-lista tista' tkun twila tassew.

Għalhekk hemm żewġ rigali kbar: il-preżent u l-persuna tiegħek. Fihom tista' tagħmel affarijiet kbar, minkejja li jistgħu jidhru żgħar u insinifikanti, għax huma l-affarijiet *tiegħek*; dak li tista' tagħmel inti biss. Hemmhekk poġġiek il-Mulej, biex hemm tfobb. Għalhekk, għix ir-realtà tiegħek, ħobb fiha, għamel il-possibbli. Spiss tinstema' din il-frażi, attribwita b'mod atkarx żbaljat lil San Franġisk, imma ta' valur kbir: "Ibda billi tagħmel dak li hu neċessarju, imbagħad dak li hu possibbli, u f'daqqa waħda tistagħġeb kif issibek tagħmel l-impossibbli".

Għax jeżistu ċerti riskji. Qabelxejn, li narmi ħajti u s-sbuħija tiegħi; li ngħaddi ħajti naħrab, 'nirrejżja' fil-vojt, narmi lili nnifsi u naħli ż-żmien. Mhux ta' b'xejn li kull dnub huwa meqjus bħala ħela ta' ħin – il-famuż "ħallejt dmirijieti" tan-*Nistqarr 'l Alla* – għax kull ħaġa ħażina li stajt għamilt ħadet post waħda tajba li ma għamiltx. Imbagħad jeżisti r-riskju li, bix-xewqa li nagħmel kollox u nesperjenza kull ħaġa, nispiċċa biex ma nagħmel xejn sew. Ma nistax inħobb kollox, u lanqas lil kulħadd. Irrid nibda minn xi mkien u minn xi ħadd, u biex nagħmel hekk irrid nitlef ħafna affarijiet. Mhux ta' b'xejn li l-għadu ta' kull dixxerniment u tal-imħabba hija x-xeħħa. U jeżisti wkoll ir-riskju li nħares iżżejjed lejn il-futur u l-esiġenzi tiegħu u dan jaqtagħli qalbi, jimlieni ansjetà u jimblukkani. Ġieli ngħidu f'qalbna: "Kif ser jirnexxieli nagħmel kollox?", jew, "Kif ser nilħaq dak li qed jistennew minni l-oħrajn?". Hu għalhekk li fl-irkupru mill-vizzji l-motto kontinwu hu *'just for today'*, għax jekk wieħed jaħseb li mhux ser jixrob u mhux se jirrepeti ċerti vizzji oħra għal ħajtu kollha, aktarx jaqta' qalbu u jaqa', imma jekk jemmen li mhux ser jixrob għal-lum, allura pass wara pass jirnexxilu, u jispiċċa jagħmel dak li deher bħala impossibbli.

Nitolbu lil Alla jgħarrafna dejjem aktar il-prezzjożità tagħna u li ngħixu l-preżent bħala rigal. Fuq kollox nitolbuh jgħinna nsibu jew inħobbu postna fil-ħajja; fi kliem ieħor, li nilqgħu s-sejħa li Alla qed jagħmlilna u li ngħixuha *to the full*... dak li ser nagħmel *jien, f'ħinu, bil-grazzja tiegħu, biex inħobb*.

*Dun Noel Debono*
Prefett tal-istudji

**GĦIN LIS-SEMINARJU JKOMPLI L-MISSJONI TIEGĦU!**

Tista' tgħaddi d-donazzjoni tiegħek ma' xi saċerdot jew permezz ta' bank transfer:

**APS Account Number:**
2000162755-8

**IBAN Number:**
MT27APSB77035008161820001627558

*Grazzi tal-ġenerożità tiegħek!*

sem&u

Ġunju 2024
Ħarġa nru 27

*Is-Seminarju u Int*
Fuljett maħruġ tliet darbiet fis-sena mis-Seminarju Maġġuri tal-Qalb ta' Ġesù,
Triq Enrico Mizzi, il-Belt Victoria, Għawdex 2155 6479
rector.seminary@churchingozo.mt
www.sacredheartseminary.org.mt

# DUN FRANKLIN MICALLEF JIRRIFLETTI FUQ L-ORDINAZZJONI PRESBITERALI TIEGĦU

***Dun Franklin, fl-aħħar qiegħed mimdud għal tulek mal-art fil-Katidral. Kulħadd qed jitlob. X'kien għaddej bejnek u bejn ruħek?***

Kien mument li tkun ilek timmaġinah f'moħħok! F'kull Ordinazzjoni li kont rajt qabel kont dejjem ngħid f'qalbi: "Tgħid għad jasal il-jum fejn inkun jien hemm fl-art?". Dak il-ħin ħassejtni grat ħafna għal dawk in-nies kollha li kienu miġbura jitolbu l-għajnuna tal-qaddisin fuqi. Jien ukoll dak il-ħin tlabt lill-qaddisin biex jgħinuni ngħix bl-aħjar mod dan ir-rigal ferm sabiħ tas-saċerdozju.

***X'qed tistenna l-iktar bil-ħerqa mis-saċerdozju?***

Dawn huma l-ewwel ftit ġranet tiegħi bħala saċerdot. Nistqarr li ċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa, speċjalment il-mument tal-Konsagrazzjoni, hi mument li kont qed nistennieh ħafna. Hija meravilja li għall-kliem tas-saċerdot il-ħobż u l-inbid jinbidlu fil-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù.

***Issa li ġejt fi tmiem iż-żmien tiegħek fis-Seminarju, kif tħares lura lejh?***

Kienu snin sbieħ ħafna. Tgħallimt ħafna u kienu bosta l-esperjenzi li għaddejt minnhom, imma nħoss li kienu kollha importanti sabiex stajt nagħraf aħjar dak li l-Mulej kien qed isejjaħli għalih u kif nista' nwieġeb għas-sejħa. Is-Seminarju, mhux tant il-binja imma l-ħbiberiji li bnejt hemm ġew, ser nibqa' ngħożżhom tul ħajti kollha.

***U xi sfidi?***

Sfidi kien hemm diversi. Imma matul is-snin tas-Seminarju għaraft li kull triq u kull stat ta' ħajja għandhom l-isfidi tagħhom. U allaħares mhux hekk minn banda! Huma l-isfidi li jimbuttawna biex nikbru u nimmaturaw.

***F'liema aspetti taħseb li kbirt l-iktar matul dawn it-tmien snin?***

Naħseb li s-Seminarju pprovdieli sfidi fuq kull livell, ibda minn sfidi żgħar biex nipprova nkun aktar puntwali, u ibqa' sejjer għal sfidi aktar serji bħal ngħidu aħna esperjenzi li ġabuni wiċċ imb wiċċ mal-biżgħat tiegħi u li għenuni nibni karattru aktar sod.

***Tagħti parir lill-qarrej li qiegħed jiddixxerni l-istess sejħa għas-saċerdozju?***

Sabiħ li tieħu ċerti riskji fil-ħajja. Staqsi, tkellem ma' min jista' jgħinek, itlob lil Alla jagħtik id-dawl biex tagħmel deċiżjoni tajba, imma tibżax imbagħad tmidd dak il-pass. Tibżax tirriskja. Aħna nkunu tassew ferħanin meta nirrealizzaw kemm Alla jħobbna u din l-imħabba nfittxu li naqsmuha mal-oħrajn. U s-saċerdozju huwa wieħed mill-modi sbieħ kif din l-imħabba ta' Kristu nwassluha għand l-oħrajn. Kuraġġ!



# MILL-GĦATBA 'L ĠEWWA...

Nhar it-Tnejn 8 ta' April, is-seminaristi rritornaw is-Seminarju wara l-vaganzi tal-Għid għall-aħħar term ta' din is-sena formattiva.

Il-Ħadd 14 ta' April, it-Tielet Ħadd tal-Għid, il-komunità tas-Seminarju organizzat il-ħames edizzjoni ta' *Festa Abbatini* fuq iz-Zuntier tas-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu. Is-seminaristi ppreparaw laqgħa għall-abbatini u l-gruppi tal-vokazzjonijiet Għawdxin, waqt li r-Rettur Dun Joseph Bajada mexxa laqgħa għall-ġenituri tal-abbatini fis-sala ta' taħt iz-Zuntier. Wara, kien hemm diversi attivitajiet u logħob.



Nhar is-Sibt 4 ta' Mejju, is-seminaristi ħadu sehem fil-quddiesa fis-Santwarju Ta' Pinu fl-okkażjoni tal-ewwel żjara uffiċjali tal-President ta' Malta l-E.T. Dr Myriam Spiteri Debono f'Għawdex.

L-Erbgħa 8 ta' Mejju, fis-7.00pm, il-komunità tas-Seminarju kellha laqgħa ma' Dr Josianne Cutajar, Membru Parlamentari Ewropew, li matulha tkellmet dwar il-ħidma tagħha fil-Parlament Ewropew u dwar numru ta' suġġetti kurrenti li jolqtu l-Ewropa tal-lum.



Mill-Ħamis 9 ta' Mejju sas-Sibt 11 ta' Mejju, fl-okkażjoni tat-30 sena mill-affiljazzjoni tas-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex mal-Università Pontifiċja ta' San Tumas ta' Aquino (Angelicum) ta' Ruma, id-Dekan tal-Fakultà tat-Teoloġija Patri Dominik Jurczak OP għamel żjara lis-Seminarju tagħna. Matul din iż-żjara huwa attenda għall-eżami orali komprensiv tad-Djakni Matthew Borg u Franklin Micallef, kif ukoll iltaqa' mal-professuri tal-Istitut Qalb ta' Ġesù, u mal-istudenti, prinċipalment is-seminaristi li qed jattendu f'dan l-Istitut bħalissa.



Nhar is-Sibt 18 ta' Mejju, il-komunità tas-Seminarju għamlet il-pellegrinaġġ annwali lejn is-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu, li beda fis-6.30am. Matul il-pellegrinaġġ tlabna t-talba tar-rużarju. Meta wasalna fis-Santwarju tlabna flimkien it-talb tat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum, fejn fl-aħħar id-Djaknu Franklin Micallef ġedded il-wegħdiet tiegħu bi tħejjija għall-Ordinazzjoni Presbiterali.



Nhar il-Ħamis 23 ta' Mejju, saret il-Velja ta' talb bi tħejjija għall-Ordinazzjoni Presbiterali tad-Djaknu Franklin Micallef. Din il-velja saret fil-grawnd tal-Iskola tas-Seminarju Minuri. Wara, tkompla lejl ta' adorazzjoni fis-skiet fil-Kappella tas-Seminarju Maġġuri li ġie fi tmiemu l-għada filgħodu bit-talb tat-Tifħir ta' Sbiħ il-Jum.

Nhar il-Ġimgħa 24 ta' Mejju, fil-Katidral ta' Għawdex, id-Djaknu Franklin Micallef ġie ordnat saċerdot minn idejn l-Isqof Anton Teuma.



Nhar is-Sibt 31 ta' Mejju, l-aħħar jum tat-tieni semestru, il-komunità tas-Seminarju marret fid-dar tal-Ispigolatrici della Chiesa fix-Xagħra, fejn flimkien kellna nofstanhar irtir li matulu sar l-għeluq tal-laqgħat tal-ministeri ta' din is-sena. Dawn huma laqgħat li jsiru kull nhar ta' Erbgħa, u din is-sena kienu jittrattaw il-virtù tat-tama għal tal-ewwel ċiklu, u l-kunsill evanġeliku tal-faqar għal tat-tieni ċiklu.

Mit-Tlieta 4 sat-Tlieta 18 ta' Ġunju, is-seminaristi kellhom l-eżamijiet tal-aħħar tat-tieni semestru. It-Tlieta 18 ta' Ġunju, wara li s-seminaristi għamlu l-aħħar eżami, saret quddiesa tal-għeluq tas-sena tal-formazzjoni bis-sehem tal-familjari tas-seminaristi u tal-ħaddiema tas-Seminarju.



Nhar il-Ġimgħa 21 ta' Ġunju, is-seminaristi kellhom seminar dwar l-Arti Nisranija f'Għawdex. Is-seminar kien ħarsa lejn l-istorja tal-arti fil-gżira tagħna, minn fejn tlaqna u fejn sejrin. Is-seminar kienu jinkludi diversi interventi li saru minn Mons. Dr Joseph Bezzina, is-Sur Paul Muscat, Dun Roberto Gauci, u s-Sur Austin Camilleri.



Matul il-vaganzi tas-sajf, is-seminaristi mistennija li jqattgħu aktar ħin mal-familjari tagħhom, ikunu preżenti aktar fid-diversi parroċċi, jagħmlu xi esperjenza ta' volontarjat, u anki jkollhom aktar ħin għall-mistrieħ.